# Is-Sehem tal-Psikoloġija fit-Tfassil tal-Policies

Il-Kamp tiegħi huwa l-psikoloġija, u se nitkellem b'mod skematiku kif il-psikoloġija tista' taffettwa l-politika tal-pajjiż għall-ġejjieni, u se nieħu tliet oqsma. L-ewwel qasam huwa l-edukazzjoni. Jidhirli li importanti li għal ġejjieni ssir bidla radikali fid-dipartiment ta' l-edukazzjoni b'mod speċjali f'dak li huwa *school psychological services.* Jidhirli għandha ssir sistema aktar effettiva ta' kif isir dan is-servizz li huwa utili, ta' *educational psychologists,* ta' *counsellors,* u *guidance teachers.* Naħseb li hemm bżonn ta' ristrutturazzjoni għal aktar effettività li jiġu impjegati wkoll, barra *educational psychologists, clinical psychologists,* għax nafu li t-tfal, il-problemi li jkollhom m'humiex biss ta' natura marbuta ma' l-iskola imma mal-ħajja, mal-familja. Naħseb kien pass tajjeb b'dik li bdiet il-PSE – *personal and social education,* imma din ukoll naħseb għad hemm ħafna fejn titjieb.

It-tieni qasam huwa l-qasam tas-saħħa. Kif nafu, kull bniedem huwa bniedem sħiħ, ma nistax nifred il-moħħ mill-ġisem, ngħinu l-persuna mhux biss il-ġisem mil-lat mediku, imma mil-lat anki psikoloġiku. Allura hemmhekk naħseb importanti wkoll l-użu jew l-impjieg ta' *health psychologists* u ta' *clinical psychologists* fi sptarijiet tagħna fil-kura tal-morda, u fil-prevenzjoni. Naf bħala membru fil-kummisjoni tar-riforma fis-saħħa mentali diġà hemm pass 'il quddiem imma għad hemm ħafna iktar xi jsir.

It-tielet u l-aħħar qasam li nixtieq ninsisti fuqu, huwa l-qasam industrijali u soċjali. Kemm-il darba l-psikoloġija aħna nassoċjawha ma' dak li hu personali

---



ALFRED DARMANIN S.J., B.A., B.Th., Ph. Lic., M.Sc., Lic. Psych, Ph.D. studja l-Liċeo u għamel tliet snin jaħdem it-Tarzna qabel daħal Ġiżwita. Kiseb il-liċenzjat fil-Psikoloġija mill-Università ta' Louvain, il-Belġju u d-dottorat bi speċjalizzazzjoni fil-psikoloġija tat-tmexxija minn Berkeley, California. Hu għandu gradi wkoll fil-Matematika, Filosofija u Teoloġija. Għadda sitt snin kap tad-Dipartiment tal-Psikoloġija u direttur tal-Counselling Services fl-Università ta' Malta. Jagħti ħafna korsijiet ta' taħriġ lill-mexxejja fil-kamp industrijali, edukattiv u reliġjuż, kemm Malta u f'diversi pajjiżi. Hu l-awtur tal-kotba "The Skilled Leader" u "Developing Leadership Skills". Bħalissa huwa d-direttur taċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja tal-Ġiżwiti fiż-Żejtun.

biss, jiġifieri l-individwu, illi bniedem jgħidlek bi problema, jiftaħ qalbu u tieqaf hemm. Illum nafu li rridu mmorru lil hinn minn din id-dimensjoni limitata personali biex anki naħdmu fuq l-istituzzjonijiet u s-sistema. Fil-psikoloġija bniedem tgħinu mhux biss għax tgħinu personalment imma għaliex ukoll, il-kelma kif jgħiduha bl-Ingliż, *to empower* – tagħtih il-qawwa biex ikun jista' jbiddel is-sistema, biex ikun jista' jbiddel l-istrutturi u l-istituzzjonijiet, ittih il-kapaċitajiet biex jagħmel dan. U għalhekk importanti llum ukoll il-kamp tal-psikoloġija industrijali u l-psikoloġija ta' l-istituzzjonijiet, il-psikoloġija organizzazzjonali, u t-*training* li għandu jingħata lit-trejd unjonisti, ħaddiema, *managers*, f'dik li hija komunikazzjoni, deċiżjonijiet u gruppi. U li anki jiġu mħarrġa permezz ta' *industrial psychologists* u oħrajn, dwar kif jiżviluppaw *systems skills*, fit-tmexxija, fil-*planning*, fil-*collective decision making*, fil-*conflict resolutions* eċċ.

Biex nikkonkludi, l-importanza ta' aktar *awareness*, ta' l-aspett psikoloġiku fil-problemi, soċjali u politiċi fil-pajjiż u allura ta' iktar *training* ta' *psychologists*. Meta ngħid *training* naturalment mhux fis-sens tad-drill, imma ta' formazzjoni sħiħa u mhux biss akkademika, teorika, imma professjonali, prattika, permezz ta' taħriġ prattiku *on the spot* fejn jistgħu jiġu bżonjużi l-iktar dawn it-tliet tipi ta' *psychologists*, jiġifieri *clinical psychologists, counselling psychologists* u *industrial psychologists.*

Fl-aħħarnett il-psikoloġija tista' tgħin biex l-istudji li jsiru fiha jiġu applikati għal sitwazzjonijiet konkreti fil-pajjiż u hemmhekk jidħlu ħafna dawk l-*areas* tal-psikoloġija bħalma huma l-psikoloġija tal-familja, psikoloġija tal-komunikazzjoni fil-medja, psikoloġija tal-gruppi, psikoloġija fil-politika, (*political psychology*), il-psikoloġija tal-konsumiżmu, tal-kompetizzjoni u, fil-każ ta' Malta, il-psikoloġija tas-sewqan. Illum qed issir ħafna riċerka f'dan il-qasam. Attendejt kungress dan is-sajf fi Spanja, fejn ħafna mill-karti li nqraw kienu fuq *traffic psychology* u għedt li tapplika ħafna għalina hawn Malta. Forsi tapplika għalina wkoll hawnhekk l-applikazzjoni tal-psikoloġija ta' kif jitmexxew il-laqgħat!

# “Meta l-politiċi joqogħdu siekta u jisimgħu”

(Mir-*recording* ta’ intervent minn Dr. Alfred Sant waqt l-ikel biex jiżżi ħajr lill-parteċipanti fil-*konversazzjoni.*)

Nixtieq li nirringrazzjakom ta’ l-attendenza tagħkom illum. Fil-fatt, meta l-ewwel tħassel dan il-proġett – fuq idea oriġinali li kienu żviluppaw Mario Vella u Lino Spiteri – ħadt gost għal żewġ raġunijiet. L-ewwel ħaġa, għax bit-tifsila li kienet saret tal-proġett dal-għodu, għall-ewwel darba forsi, il-politikanti, (biex nuża dik il-kelma) kienu se joqogħdu siekta u jisimgħu meta aħna l-politikanti iktar imdorrijin li nitkellmu aħna.

U t-tieni ħaġa, għax it-tifsila tal-proġett kienet qed issegwi tradizzjoni ngħidilha jien, Ewro-Għaraba, illi biha jiltaqgħu grupp sħiħ ta’ nies u jagħmlu l-kontribut tagħhom f’forma ta’ storja, f’forma ta’ rakkont, f’forma ta’ lezzjonijiet ... u mhux qed naħseb biss fil-Boccaccio meta ngħid hekk. Hemm ħafna eżempji oħra tagħha din.

Imma x’kienet ir-raġuni wara l-mod kif ħassilna l-proġett? Kien il-ħsieb illi kull wieħed u waħda mill-mistednin tagħna, mill-esperjenza tagħhom ikunu jistgħu jagħtuna l-idea tagħhom ta’ kif qegħdin jaraw il-futur ta’ pajjiżna jiżviluppa.

Imbagħad inwaddbu kollox f’borma waħda, inħawdu l-borma, u naraw

---



ALFRED SANT twieled fl-1948. Studja l-matematika u l-fiżika, l-amministrazzjoni pubblika, *business policy* u sistemi ta’ amministrazzjoni f’universitajiet u istituti oħra f’Malta, Pariġi, Boston u Harvard rispettivament. Bejn l-1970 u l-1975 qeda d-dmirijiet tat-tieni imbagħad l-ewwel segretarju fil-missjoni diplomatika Maltija għand il-Komunitajiet Ewropej fi Brussels. Kiseb bosta esperjenzi fil-kamp tal-konsulenza ekonomika u t-tmexxija industrijali sew fis-settur privat sew f’dak pubbliku, inkluż sentejn bħala *executive deputy chairman* ta’ l-MDC bejn l-1980 u l-1982. Fl-1978 fassal proposti għat-twaqqif tal-korsijiet ta’ *business management* u amministrazzjoni pubblika fl-Università ta’ Malta u għallem fl-istess università bejn l-1984 u l-1987. Ippubblika bosta studji ekonomiċi, politiċi u storiċi kif ukoll rumanzi u drammi. Kien editur ta’ *Il-Helsien, Tomorrow* u *Society.* Kien President tal-Partit Laburista bejn l-1984 u l-1988. Sar membru parlamentari fl-1987 u Mexxej tal-Partit Laburista fl-1992.

x'inhuma l-prijoritajiet li joħorġu. Dan l-*approach*, ta' nisel Grieg klassiku, huwa varjanti tat-teknika Delfika. Minn dak li jkun kunċentrat fi ftit minuti, fi ftit kliem, joħorġu spunti ta' importanza kbira, li jistgħu jiġu ipprijoritizzati b'xi mod jew ieħor. Naħseb li dal-għodu mill-interventi kollha interessanti li saru, u kollha kienu interessanti, ħarġu, fl-opinjoni tiegħi, żewġ argumenti li l-Partit Laburista żgur – jien ngħid li mhux il-Partit Laburista biss iżda n-nazzjon kollu – se jqishom ta' l-akbar interess. Dan li sar illum se nippubblikawh għal din ir-raġuni. Nistgħu naraw minn dak li ntqal li hemm żewġ temi ta' diskussjoni u azzjoni li għandhom iqumu fil-pajjiż fiż-żmien li ġej.

L-ewwel argument kien li, fis-seklu li ġej, Malta ser tiffaċċa problemi u sfidi ambjentali ta' qawwa kbira. Ser inkunu ffaċċati bil-problema ta' kif ser niżviluppaw u nkattru r-riżorsi tagħna f'dawk li huma art u riżorsi naturali oħra, b'tali mod li dawn jiġu pprezervati għall-ġenerazzjonijiet futuri.

It-tieni nett, ukoll ħarġet ċara fl-interventi ta' l-edukazzjoni, li ħafna minnhom tkellmu dwar kif il-pajjiż tagħna jkun f'pożizzjoni biex jimmaniġġja r-riżors l-ieħor kbir li għandu – ir-riżors tal-poplu tiegħu, tas-snajja' tal-poplu tiegħu, tat-taħriġ tal-poplu tiegħu. Dawn iż-żewġ kapitli flimkien joħolqu problemi, joħolqu sfidi. Jiena ħsibt illi, diġà minn dak li ssemma llum, li hemm l-elementi ta' kif wieħed jista' joħroġ strateġija għalli ġej billi jgħaqqad iż-żewġ temi flimkien. B'hekk, wieħed ikun jista' qiegħed isolvi waħda u l-oħra fl-istess ħin, fis-sens illi soluzzjoni għall-problemi umani u għall-isfidi umani ta' pajjiżna tkun soluzzjoni fil-fatt għall-problema ta' l-ambjent u għall-isfida ta' l-ambjent f'pajjiżna. Għax jidher ċar li jekk ikollna nies imħarrġa iktar, nies edukati aħjar fil-veru sens tal-kelma, aħna ser ikollna soċjetà kapaċi li taffronta l-isfida l-oħra li ssemmiet dal-għodu, dik ta' l-ambjent naturali. U biex ngħaqqdu waħda ma' l-oħra, ħareġ ċar ukoll illum, li rridu nsiru, fis-seklu li ġej, soċjetà li fost affarijiet oħra taf titgħallem, taf tinbidel u taf imbagħad allura tibni fuq l-esperjenzi tagħha.

Kien hemm ħafna enfasi, ħassejt jien, u enfasi tajjeb u korrett, fuq il-ħtieġa li s-sistemi edukattivi tagħna mhux jgħallmu l-kontenut biss imma jgħallmu l-imġiba: l-imġiba li twassal biex nitgħallmu nużaw aħjar is-snajja' teknika, u l-imġiba wkoll illi biha nitgħallmu nġibu ruħna aħjar bħala ċittadini sħaħ f'soċjetà sħiħa, li lesta tkun miftuħa għall-bidla.

Dawn huma l-punti li fl-opinjoni tiegħi ħarġu dal-għodu u jien sibthom interessanti ħafna mill-ispostament stess ta' l-interventi differenti li kien hemm.

Jiena ma rridx indum nitkellem iktar minn seba' minuti u għalhekk mhux ser intawwal iktar, ħlief li mill-ġdid f'isem sħabi li attendew miegħi, li stedinthom jiġu hawn miegħi llum, għax ħsibt li ċertu suġġetti li se jqanqlu se jkunu ta' interess dirett għalihom, f'isem il-Partit Laburista wkoll, f'ismi,

nirringrazzjakom mill-ġdid ta' l-attendenza, tal-parteċipazzjoni tagħkom, u nassigurakom li dan li ntqal dal-għodu se nżommuh f'moħħna, se nżommuh quddiemna, u nittamaw ukoll li nagħmluh aċċessibbli għal kulħadd, biex iservi bħala element illi bih mhux biss il-Partit Laburista fl-Oppożizzjoni, imma ngħid jien in-nazzjon kollu, ikun jista' jużah bħala element fit-thejjija għall-isfidi futuri.

FL-ANTIPORTA TAL-MILLENNJU jippreżenta l-fehmiet ta' għadd ta' esperti f'diversi oqsma tat-tagħlim, tar-riċerka u ta' l-impenn soċjali dwar x'qed jistenna lil pajjiżna fil-bidu ta' millennju ġdid. Bi stedina tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, dawn l-esperti nġabru flimkien nhar il-21 ta' Jannar 1995 biex iwieġbu għall-mistoqsija "X'inhuma l-isfidi li l-Millennju l-ġdid se jippreżentalhom? Kif nistgħu nilqgħu għal dawn l-isfidi?"

It-tweġibiet tagħhom fil-biċċa l-kbira huma provokattivi u joffru spunt għal dibattitu wiesgħa fil-pajjiż. Fl-antiporta tal-millennju ġdid, hu tajjeb li l-Maltin jirriflettu aktar dwar x'għandu jsir biex pajjiżna jibni strutturi soċjali li jkunu moderni u kapaċi jissodisfaw l-aspirazzjonijiet tal-ġens tagħna. Id-dibattitu dwar dan is-suġġett importanti jkompli ...